

Domanda preliminari

L-Artikolu 401 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ⁽¹⁾, għandu jiġi interpretat fis-sens li t-taxxa fuq il-valur miżjud u t-taxxa tal-boll (fuq kuntratti ta' kiri ta' proprjetà kummerċjali msemmija fl-Artikolu 40 tad-Digriet tal-President tar-Repubblika Nru 131, tas-26 ta' April 1986, u fl-Artikolu 5(1)(a bis) tal-ewwel parti tal-iskeda ta' tariffi tiegħu) jistgħu jinġabru kumulattivament, jew inkella fis-sens li din l-aħħar taxxa għandha n-natura ta' taxxa fuq id-dħul mill-bejgħ?

⁽¹⁾ ĠU L 347, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Centrale Raad van Beroep (il-Pajjiżi Baxxi) fil-31 ta' Ottubru 2016 – J. Klein Schiphorst vs Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen

(Kawża C-551/16)

(2017/C 030/24)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Centrale Raad van Beroep.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: J. Klein Schiphorst.

Konvenut: Raad van bestuur van het Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen

Domandi preliminari

1) Il-possibbiltà mogħtija mill-Artikolu 64(1), *initio* u punt (ċ), tar-Regolament Nru 883/2004 ⁽¹⁾ tista' tiġi eżerċitata, fid-dawl tal-Artikoli 63 u 7 tar-Regolament Nru 883/2004, tal-għan u tal-iskop tar-Regolament Nru 883/2004 kif ukoll tal-moviment liberu tal-persuni u tal-ħaddiema, billi bħala prinċipju tiġi rrifjutata kull talba għall-estensjoni tat-tul tal-esportazzjoni ta' benefiċċji tal-qgħad, sakemm il-Uwv [Uitvoeringsinstituut werknemersverzekeringen] ma jqisx li ċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, pereżempju l-eżistenza ta' prospettivi konkreti u perċettibbli ta' impjeg, ma jippermettux li raġonevolment jirrifjuta li jestendi t-tul tal-esportazzjoni?

Fil-każ ta' risposta negattiva għal din id-domanda:

2) Kif għandhom l-Istati Membri jeżerċitaw il-possibbiltà mogħtija mill-Artikolu 64(1), *initio* u punt (ċ), tar-Regolament Nru 883/2004?

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kammergericht Berlin (il-Ġermanja) fit-3 ta' Novembru 2016 – Doris Margret Lisette Mahnkopf

(Kawża C-558/16)

(2017/C 030/25)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Kammergericht Berlin

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Doris Margret Lisette Mahnkopf